MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 1294/2010

Vodafone Malta Limited (C10865).

Vs

Alexia Montebello (ID. 24381M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ elf, tlett mija, tlieta u tmenin ewro u sittax-il centezmu (€1383.16) minghand il-konvenuta, rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta’ attrici bhala hlas ta’ servizzi u prodotti pprovduti lilha abbazi ta’ ftehim bejn il-partijiet, u li minkejja li giet interpellata thallas, il-konvenuta baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes inkluz dawk tal-mandat ta’ sekwestru, u bl-imghax legali mid-data ta’ meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tas-socjeta' attrici li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghal €140.19.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenuta thallas is-somma ridotta ta' mija u erbghin ewro u dsatax-il centezmu, (€140.19), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------